# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Gunju 2017**

**Numru 3**

**Rikors Numru: 224/17 JPG**

**Angelo Frank Paul Spiteri**

**v.**

**L-Avukat Generali**

Dan hu provvediment moghti fuq rikors prezentat fid-19 ta' Mejju 2017 li permezz tieghu l-attur talab li din il-Qorti tordna l-enforzar provvizorju tas-sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, fit-18 ta' Mejju 2017, billi tordna r-rilaxx tieghu mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u dan a bazi ta' dak deciz minn dik il-Qorti: li l-enforzar tal-ordni ta' estradizzjoni lejn il-Litwanja fil-konfront tal-attur huwa leziv tad-dritt fundamentali tieghu protett bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] u,

filwaqt li iddikjarat li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiiet **The Police v. Angelo Frank Spiteri** fis-17 ta' Frar 2016 u s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti Rimandanti fil-15 ta' Jannar 2016, huma wkoll lezivi tal-artikolu precitat fil-konfront tieghu, liema sentenzi kienu waslu ghall-ordni ta' kustodja, ordnat li dawn is-sentenzi jigu mhassra.

L-intimat fir-risposta tieghu oggezzjona ghat-talba tal-attur, ghar-ragunijiet indikati minnu fl-istess risposta.

Illi jirrizulta li b'digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-19 ta' Mejju 2017 dik il-Qorti ma laqghetx it-talba tal-attur ghar-rilaxx tieghu principalment ghar-raguni li mkien fis-sentenza appellata ma hu indikat li l-arrest tal-attur huwa illegali u li ghandu jigi rilaxxjat. Dik il-Qorti osservat ukoll li s-sentenza appellata ghada m'ghaddietx f'gudikat, u li l-Artikolu 409A tal-Kodici Kriminali ma huwiex applikabbli ghall-kaz.

Illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq id-dispost tal-Artikolu 266 [1] u l-Artikolu 267 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u jissottometti li l-Artikolu 266 japplika in kwantu l-ewwel Qorti hassret is-sentenzi li abbazi taghhom qieghed jinzamm detenut. Ikompli jghid:

> "Li kieku dan ma jkunx il-kaz, l-esponent qieghed jiffaccja zmien indefnit il-habs, sakemm tinghata sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali jekk isir appell. L-esponenti bir-ragun isaqsi wkoll li jekk huwa jadixxi lill-Qorti

> Ewropea li hemm mnejn iddum snin sakem taghti decizjoni, dan ghandu jinzamm arrestat ghal dan it-tul ta' snin..?"

Dwar l-Artikolu 267 li jirrigwarda s-sentenzi li huma esegwibbli provvizorjament, l-attur isostni li l-kaz tieghu jaqa' taht il-paragrafu [b] li jirreferi ghal *"kull sentenza li tipprovdi rimedju kontra ksur tad-dritt ta' individwu ghall-hajja jew li tipprovdi rimedju kontra arrest illegali jew xoghol iebes;"* F'dan ir-rigward huwa jissottometti hekk:

> "it-thassir tas-sentenza li permezz taghhom qieghed jinzamm detenut tikkostitwixxi implicitament, illi z-zamma tieghu that dawn is-sentenzi, wara s-sentenza [appellata], huwa arrest illegali u ghalhekk dik is-sentenza kellha tiehu effett immedjatament u dan bir-rilaxx [tieghu mid-detenzjoni]."

L-artikoli fuq indikati, fil-parti relevanti taghhom, jaqraw hekk:

> "266. [1] Hlief fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 267, sentenza li ma tikkostitwix gudikat ma tkunx ezegwibbli kemm-il darba, fuq talba tal-parti interessata, dik is-sentenza ma tkunx giet dikjarata mill-qorti li tkun esegwibbli provvizorjament…."
> "267. Dawn li gejjin ikunu fil-kazijiet kollha ezegwibbli provvizorjament:
> [a] …………….
> [b] kull sentenza li tipprovdi rimedju kontra ksur tad-dritt ta' individwu ghall-hajja jew li tipprovdi rimedji kontra arrest illegali jew xoghol iebes; u
> [c]…………….."

Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li huwa ritenut fil-gurisprudenza li sentenza tal-ewwel grad, ghalkemm mhix gudikat, hjia dejjem konkluzjoni ta' qorti fuq il-kaz, u tiswa aktar minn semplici argument. Li kieku ma kienx hekk ma kinitx tinkiteb id-dispozizzjoni kontenuta fl-Artikolu 266 u anke dik kontenuta fl-Artikolu 267. Il-ligi tghid biss li s-

sentenzi li ma ghaddewx in gudikat mhumiex minnhom infushom esegwibbli u jirrikjedu dikjarazzjoni specjali biex ikunu esegwibbli, imma fejn il-Qorti tkun sodisfatta li hemm aktar pregudizzju jekk is-sentenza ma tigix esegwita allura s-sentenza tal-ewwel grad issir ekwipollenti ghal wahda finali. [*ara App.C 474/2013* **Perla Hotels Limited v. Blye Engineering Co.Ltd.** *deciza 28 ta' Marzu 2014*].

Izda fil-kaz in dizamina anke jekk ghall-grazzja tal-argument din il-Qorti kellha tordna li s-sentenza appellata tigi provvizorjament ezegwita, u taccetta provvizorjament li s-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Rimandanti u mill-Qorti tal-Appell Kriminali ghandhom jigu provvizorjament skartati, jiqba' l-fatt li fil-konfront tal-attur jibqghu vigenti l-effetti legali tal-Mandat ta' Arrest Ewropew bir-rizultat li xorta wahda l-enforzar provvizorju tas-sentenza appellata ma jwassalx ghar-rilaxx tieghu mid-detenzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-konsiderazzjoni setghet kienet ir-raguni ghaliex l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, filwaqt li ddecidiet li s-sentenzi kellhom jithassru, ma ordnatx ir-rilaxx tal-attur mid-detenzjoni.

Marbut mal-premess hemm il-konsiderazzjoni wkoll valida li, tenut kont li l-effetti tal-Mandat ta' Arrest Ewropew ghadhom vigenti fil-konfront tal-attur, ma jistax legalment jinghad, kif qed jippretendi l-attur, li t-thassir tas-sentenzi jwassal ghall-konkluzjoni li l-arrest tieghu huwa wiehed illegali u, fil-mankanza ta' dan ir-rekwizit ghall-applikazzjoni tal-Artikolu

267 [b], it-talba tieghu tisfa priva mill-bazi legali li fuqha l-attur iserrah l-applikazzjoni tieghu.

Fl-ahhar nett, rigward is-sottomissjoni tal-attur li jekk ma jinhelisx mid-detenzjoni wara t-thassir tas-sentenzi li abbazi taghhom qed jinzamm detenut allura huwa ser ikun qed jiffaccja zmien indefenit il-habs, din il-Qorti fl-ewwel lok tirribadixxi li l-arrest tieghu huwa l-effett tal-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug u li ghadu vigenti fil-konfront tieghu; fit-tieni lok, ma jirrizultax f'dan l-istadju li t-tul tal-perjodu tad-detenzjoni bil-ghan li jigi estradit jeccedi dak li hu ragjonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz; u fit-tielet lok, kif osservat din il-Qorti fil-kawza numru 45/16 deciza llum, id-dewmien fid-detenzjoni tieghu huwa unikament dovut ghall-fatt li, wara li harget l-ordni, hu intavola zewg kawzi kostituzzjonali li minn naha taghhom il-qrati koncernati qed jittrattaw b'celerita`.

Ghaldaqstant it-talba tal-attur ma ssibx sostenn fil-ligi u qed tigi michuda, bl-ispejjez a kariku tal-istess attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df